MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2008

Citazzjoni Numru. 375/2008

**Mosta Auto Dealer Company Limited numru ta` registrazzjoni C 3923**

**vs**

**Joseph sive Joe Mamo**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors.

L-attur huwa kreditur tal-konvenut fl-ammont ta` tletin elf, erba` mija wiehed u sittin Euro u tnejn u ghoxrin centezmu (€30,461.22) ekwivalenti ghal Lm13,077.00, bilanc dovut mill-konvenut wara arrangament kummercjali ta` trasferiment ta` vetturi sabiex jinbieghu mill-istess

konvenut. Il-vetturi li ha il-konvenut inbieghu mill-konvenut li pero` baqa` ma hallasx lil attur skond il-ftehim.

Interpellat b`ittra ufficcjali tal-15 ta` Frar, 2008 sabiex thallas dan l-ammont il-konvenut baqa` inadempjenti.

Il-konvenut ghalhekk hu debitur tal-atturi fis-somma ta` €30,461.22 Dok. B huwa dokument ta` konteggi.

Dan id-debitu hu cert, likwidu u dovut u l-konvenut ma ghandu ebda eccezzjoni x`jaghti ghal hlas tieghu kif jirrizulta minn affidavit anness Dok. C.

Imsejjah biex ihallas permezz ta` ittra ufficcjali tal-15 ta` Frar, 2008 (Dok. D) il-konvenut baqa` inadempjenti.

Talbu lil konvenut jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex:

1. Previa kull dikjarazzjoni li tkun necessarja u previa id-dispensa tas-smiegh ai termini tal-Artikoli 167 u Artikoli sussegwenti tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili tordna u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi l-ammont ta` tletin elf, erba` mija u wiehed u sittin Euro u tnejn u ghoxrin centezmu (€30,461.22).

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` l-ittra ufficcjali tal-15 ta` Frar, 2008 u tal-mandat ta` sekwestru prezentat kontestwalment u bl-interess legali mill-15 ta` Frar, 2008.

Il-konvenut ingunt biex jidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti esibiti.

Rat in-nota tal-intimat Joseph Mamo tal-14 ta` Mejju, 2008 li permezz taghha ammetta t-talba tas-socjeta` attrici.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta` u tiddeciedi billi tilqa` t-talba kif dedotta fir-rikors promotur.

Bl-ispejjez kontra l-istess intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------